MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 3231/1996/1

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002.

Carmel Aquilina
vs
Direttur tar-Registru Pubbliku, kuratur biex jirraprezenta lill-minuri Louis, iben Ruth Aquilina nee' Psaila (Att tat-twelid numru 4352 tal-24 ta' Ottubru 1996) u l-istess Ruth Aquilina nee' Psaila li giet nominata kuratrici ad litem ta' Rodianne Maria Daniela, fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti b' digriet tat-8 ta' Gunju 1999 u b' digriet tal-Qorti tal-11 ta' Dicembru 1997 Ruth Aquilina nee' Psaila giet nominata kuratrici

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:
1. Illi l-attur huwa zewg il-konvenuta Ruth Aquilina nee' Psaila, u qieghed f' kawza ta' separazzjoni personali maghha, u ilu ma jkollu rapporti maghha mis-sena 1990, u ilu minn dak in-nhar ighix mifrud minnha;

2. Illi l-konvenuta Ruth Aquilina kellha tifel fis-16 ta' Ottubru 1996 mhux mir-relazzjonijiet mal-attur, izda t-tifel inghata l-kunjom tal-attur li fl-Att tat-Twelid huwa ddikjarat bhala l-missier tat-tifel li nghata l-isem ta' Louis, Edward, Gary skond l-Att numru 4352 tal-24 ta' Ottubru 1996 (Dok A);

3. Illi t-tifel Louis, Edward, Gary ma hux iben naturali tal-attur, u l-attur ma jridx li jibqa' mizmum bhala missier l-imsemmi tifel;

4. Illi l-konvenuta kellha tifla fid-19 ta' Settembru 1991, mhux minn relazzjonijiet mal-attur, u din it-tifla fl-Att tat-Twelid numru 012655 tal-20 ta' Settembru 1991 giet registrata bhala bint l-attur u nghatat kunjomu u l-isem ta' Rodianne Maria Daniela kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid anness mar-rikors tas-6 ta' Lulju 1998;

5. Illi dik it-tifla mhix il-bint naturali tal-attur, u l-attur ma jridx li jibqa' mizmum bhala missierha;

Ghaldaqstant l-attur talab lill-Qorti li:
1. Tiddikjara li t-tifel Louis Edward Gary imwieled fis-16 ta' Ottubru 1996 minn Ruth Aquilina nee' Psaila ma hux it-tifel naturali tal-attur Carmel Aquilina;

2. Tiddikjara li d-dikjarazzjoni maghmula fl-Att tat-Twelid numru 4352 tal-24 ta' Ottubru 1996 li missier it-tarbija huwa l-attur Carmel Aquilina, hija zbalajata ghaliex mhux veritiera;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jikkorregi l-Att tat-Twelid numru 4352 tal-24 ta' Ottubru 1996 billi jithassar l-isem ta' Carmel Aquilina mill-kolonna fejn hemm annotat l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija, u jithassru wkoll il-kliem "Customs Officer", "33", "Pieta' Malta", "Marsaxlokk Malta", u "Anthony Aquilina (Alive)" fejn huma miktuba fl-istess Att tat-Twelid;

4. Tiddikjara li l-imsemmija tifla Rodianne Maria Daniela, li twieldet fid-19 ta' Settembru 1991 mill-konvenuta Ruth Aquilina nee' Psaila mhix it-tifla naturali tal-attur;

5. Tiddikjara wkoll li d-dikjarazzjoni maghmula fl-Att tat-Twelid tal-istess tifla li jgib in-numru 012655 tal-20 ta' Settembru 1991, li missier it-tarbija huwa l-attur Carmel Aquilina, hija zbaljata ghaliex mhix veritiera;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, lista tax-xhieda, u elenku tad-dokumenti tal-attur.

**ECCEZZJONIJIET:**Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta proprio et nomine li eccepiet:
1. Illi l-konvenuta pprezentat din in-nota tal-eccezzjonijiet kemm f' isimha propju bhala RUTH PSAILA skond sentenza li nghatat mill-Qorti Prim' Awla Civili nhar il-25 ta' Gunju, 1997, (li kopja taghha setghet facilment tintwera lill-Qorti), kif ukoll ghan-nom ta' binha minuri li twieled nhar l-Erbgha 16 t' Ottubru, 1996, u li tatu l-isem ta' LOUIS.

2. Illi fit-tieni lok l-okkju ta' din il-kawza jrid jigi formalment ikkoregut a spejjez tal-attur CARMEL AQUILINA billi l-konvenuta ma jishimiex legalment iktar Ruth Aquilina nee' Psaila, imma wara s-sentenza taghha habbret il-firda legali taghha minn ma zewgha Aquilina Carmelo (u cioe' l-attur) sentenza li ma gietx appellata, il-konvenuta formalment u legalment saret maghrufa bhala Psaila Ruth li ghandha n-numru tal-karta tal-identita 329368 (M) u ghalhekk l-okkju ta' din il-kawza jrid jigi kkoregut fis-sens li Carmel Aquilina qieghed jintavola din il-kawza kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-imsemmija Psaila Ruth li ghandha n-numru tal-karta tal-identita 329368(M), kuratrici biex tirraprezenta lil minuri Louis, iben Ruth Psaila mhux Ruth Aquilina nee' Psaila, bl-att tat-twelid numru 4352 tal-24 t' Ottubru, 1996, u l-istess Ruth Psaila mhux Aquilina nee' Psaila.

3. Illi l-konvenuta xtaqet bl-umilta` u bir-rispett kollu tipprotesta ghall-mod strapazzanti hafna biex tinqara c-citazzjoni kif miktuba u pprezentata u dana bl-ebda sens ta' xi insult lil min kitibha, imma b' rispett lejn min irid jaqra

dan id-dokument, billi f' dawn iz-zmenijiet fejn ghandna l-facilita' tal- 'Computer' jew 'typewriter' inqas ma nikkagunaw tbatija lill-ghajnejn ta' min irid jahdem fuq dokumenti bhal dawn, ikun iktar ahjar u b' konformita' mal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghal konvenzjoni Ewropeja ghad-drittijiet u libertajiet tal-bniedem li jesigu r-rispett tad-dritt tal-hajja u tbatija ghal ghajnejn l-individwu b' kaliegrafija li tohloq strapazz jew ma tkunx decifrabbli tista' tkun vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu abbazi tal-istess ligijiet ta' Malta.

4. Illi din il-kawza giet intavolata nhar it-13 ta' Novembru, 1996, u ghalhekk mhux tort il-konvenuta li din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel dehera f' jum l-Erbgha 28 ta' Jannar, 1998, fil-10.30am. u ghalhekk hija ma ghandha tbati ebda spejjez ta' xi inkonvenjent li bata l-attur, biss il-konvenuta tixtieq taghmilha cara li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar l-Erbgha 25 ta' Gunju, 1997 qatghet u ddecidiet li l-attur u l-konvenuta Psaila Ruth (kif legalment issa sar isimha) gew dikjrati legalment mifruda, b' talbiet ohra li di solitu jigu konkjuzi f' kawzi bhal dawn ukoll decizi u ghalhekk b' effett min-nhar l-Erbgha 25 ta' Gunju 1997, il-konvenuta barra li formalment u legalment saret Psaila Ruth ghal darb' ohra giet dikjarata legalment isseparata, bil-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal li kellha miz-zwieg taghha ma l-attur.

5. Illi fil-mertu l-konvenuta taqbel mat-tieni premessa li hija tabilhaqq kellha tifel li semmietu LOUIS u li twieled fil-Pieta`, nhar l-Erbgha 16 t' Ottubru 1996, waqt li hija kienet ghada legalment mizzewgha u mhux legalment separata mill-attur CARMEL AQUILINA, izda li tali tifel mhuwiex minn xi relazzjoni li hija kellha mill-attur Aquilina Carmel li ilha ma tikko-abita ghal dawn l-ahhar diversi snin, zgur minn qabel ma giet ipprezentata il-kawza ta' separazzjoni taghha li hadet is-snin biex giet deciza u li fl-ahhar giet deciza nhar l-Erbgha, 25 ta' Gunju, 1997 u ghalhekk biex ma joqghodux isiru spejjez inutili la minn naha tal-attur u lanqas minn naha taghha bhala konvenuta, hija qieghda tikkonferma dan il-fatt li Louis li kunjomu jidher li huwa Aquilina u iben Carmel Aquilina effettivament isem Louis ghandu jkun Psaila u cioe' kunjom ommu, li mhux minn xi

relazzjoni li kien hemm ma’ l-attur li l-konvenuta terga’ tirrepeti ilha snin ma tikko-abita mieghu u wisq inqas ma jkollha xi forma ta’ relazzjoni mieghu, u illi dak li hemm fit-tieni talba tal-kawza premessa u cioe' li t-tifel huwa dikjarat iben Aquilina Carmel, mhux tort tal-konvenuta, imma tort tan-nuqqasijiet enormi li ghandu l-istat Malti u wisq inqas il-legislatura Maltijia li taghmilha ta l-ghamja u ta’ truxa u tal-muta fejn jidrilha hi li jkun opportun ghaliha, u ma tatix lic-cittadin legislazzjoni li vera taghtih rimdeju ghal dak kollu li jigri fis-socjeta` Maltija, jigifieri jekk xi hadd ghandu ibati l-ispejjez, l-ispejjez ghanda tbghatihom il-kamra tar-rapprezentanti Maltin, billi jitnaqqsu mill-ispejjez tad-deputati taz-zewg nahat kemm min-naha tal-Gvern u kemm minn naha tal-oppozizzjoni.

6. Illi l-konvenuta taqbel li t-tifel Louis, Edward, Gary imwieled fis-16 t' Ottubru 1996, mill-konvenuta Ruth Psaila ma huwiex it-tifel naturali tal-attur Aquilina Carmel li taqbel li ghandu jigi dikjarat li dikjarazzjoni maghmula fl-att tat-twelid numru 4352, tal-24 t’ Ottubru, 1996 li l-missier tat-tarbija huwa l-attur Carmel Aquilina hija zbaljata ghaliex mhix vertjira u taqbel ukoll li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jikkoregi l-att tat-twelid numru 4352 tal-24 t’ Ottubru, 1996 billi jithassar l-isem ta' Carmel Aquilina mill-kolonna fejn hemm annotat l-isem u l-kunjom ta’ missier it-tarbija, u jithassru wkoll il-kliem Customs Officer, u 33 Pieta Malta Marsaxlokk Malta u Anthony Aquilina (Alive) fejn huma miktuba fl-istess att tat-twelid.

7. Illi kif fuq imfisser il-konvenuta m’ ghandhiex tbati spejjez ghan-nuqqasijiet tal-legislatura Maltija u b' mod partikolari ghan-nuqqasijiet grassi tad-deputati kollha fil-kamra tar-rapprezentanti li mhux kapaci joholqu ligi li tabilhaqq taghti rimedju ghal dawn ic-cirkostanzi fis-socjeta` Maltija.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u lista ta’ xhieda.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jipprova illi l-ligi taghtih id-dritt jaghmel din il-kawza u ghalhekk irid jipprova illi huwa ma kienx jaf bit-twelid tat-tarbija ghal aktar minn tliet xhur qabel intavola c-citazzjoni;

3. Illi huwa m' ghandux ibati spejjez;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Psaila Ruth li eccepiet:
1. Illi l-konvenuta rceviet ic-citazzjoni odjerna kif emendata recentement, u cioe` bid-data tad-differiment indikata ghal nhar l-Erbgha, 20 ta' Jannar, 1999, fid-9.15am., ghall-provi da parti ta' l-attur AQUILINA CARMEL. Illi l-konvenuta kkontestat il-fatt li din ic-citazzjoni odjerna fiha zewg (2) merti totalment isseparati u mhux konnessi, u cioe mertu li jirrigwarda l-paternita ta' tifel minuri li twieled nhar is-16 t’ Ottubru, 1996, u fejn a bazi ta' Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-istess konvenuta ntavolta nhar it-8 ta' Jannar, 1998, fil-hdax u nofs ta' filghodu (11.30am), u fejn il-konvenuta ammettiet li binha minuri LOUIS li twieled nhar l-Erbgha, 16 t' Ottubru, 1996, fil-hames (5) eccezzjoni, li dana t-tifel minuri m' huwiex minn xi relazzjoni li hija kellha ma’ zewgha l-attur AQUILINA CARMEL li ilha ma tikkoabita mieghu ghal dawn l-ahhar diversi snin u zgur minn qabel ma kienet giet intavolata l-kawza tas-separazzjoni ta’ l-istess konvenuta li wkoll hadet is-snin biex giet deciza u li fl-ahhar giet deciza nhar l-Erbgha, 25 ta' Gunju, 1997, u ghalhekk il-konvenuta ssottomettiet li dik il-kawza kif kienet originarjament meta giet intavolata nhar it-13 ta’ Novembru, 1996, kellha tigi deciza skond kif intavolata biex ma joqghodux jizdiedu spejjez inutli billi l-konvenuta tghix fuq l-Assistenza Socjali, u ma tistax thallas ebda

forma ta' spejjez u ghalhekk kien ferm strapazzanti, bl-umilta` kollha, ghall-konvenuta li tircievi talba da parti ta' l-attur Aquilina Carmel biex isiru zidiet mac-citazzjoni odjerna li gew awtorizzati mill-istess Qorti permezz ta' digriet moghti nhar it-30 ta' Settembru, 1998, meta l-istess konvenuta kienetipprezentat risposta nhar il-Gimgha, 2 t' Ottubru, 1998, li biha opponiet ghal dan, imma li jidher li sfortunatament li din ir-risposta ma ngabitx a konjizzjoni tal-Qorti qabel l-udjenza ta' nhar l-Erbgha, 7 t' Ottubru, 1998, stante illi l-Qorti kienet iddegretat iz-zieda nhar it-30 ta' Settembru, 1998, meta propju f' dak il-jum stess hija kienet ghadha kif giet notifikata bir-rikors ta' l-attur Carmel Aquilina intavolata nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru, 1998, u fejn il-konvenuta kellha z-zmien biex twiegeb ghar-rikors, u ghalhekk hija baqghet totalment sorpriza meta sabet illi din iz-zieda giet awtorizzata b' digriet tat-30 ta' Settembru, 1998, meta ovvjament hija kienet ghadha fit-terminu li twiegeb ghar-rikors ta' l-attur Aquilina Carmel, u ghalhekk il-konvenuta kkontestat iz-zieda mitluba mill-attur u awtorizzata b' digriet ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Settembru, 1998, meta l-istess konvenuta kienet ghadha kemm giet notifikata bir-rikors tal-attur, u effettivament wiegbet ghalih fit-terminu moghti mill-Qorti u pprezentatu nhar il-Gimgha, 2 t' Ottubru, 1998, kif din l-Qorti tista' facilment tikkonstata.

2. Illi, ghaldaqstant, il-konvenuta rreferiet ghar-risposta taghha fl-atti ta' din il-kawza pprezentati nhar il-Gimgha, 2 t' Ottubru, 1998, u ssottomettiet li r-rikors ta' Aquilina Carmel intavolat nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru, 1998, ghandu jigi michud minn dina l-Onorabbli Qorti f' dan l-istadju, u z-zieda awtorizzata bid-digriet tat-30 ta' Settembru, 1998, ghandha tigi revokata permezz ta' digriet mill-istess Onorabbli Qorti 'contrario imperii', u dana peress illi t-talba fir-rikors tal-attur tad-29 ta' Settembru 1998, hija inkompatibbli mat-talba tac-citazzjoni originali intavolata nhar it-13 ta' Novembru, 1996, u ghalhekk hija nulla u invalida skond il-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt, il-konvenuta rreferiet ghan-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha pprezentata

nhar it-8 ta' Jannar, 1998, meta allura l-kawza kienet differita ghall-ewwel dehra ghal nhar l-Erbgha, 28 ta' Jannar, 1998, fl-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30am.), u talbet lill-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni ta' dika l-eccezzjoni inkluz it-tmien (8) eccezzjoniijiet sollevati mill-istess konvenuta u kopranti d-Dikjarazzjoni Guramentata ta' l-istess konvenuta li kien fiha seba' (7) paragrafi, u anke l-Lista tax-Xhieda indikata mill-istess konvenuta liema dokument, li kellu seba' (7) faccati, kien gie debitament notifikat lill-attur Aquilina Carmel f' numru 14, St. Rita House, f' Mikiel Anton Vassalli Street, f' Hal Qormi, u dana biex jigu evitati spejjez inutli ghall-konvenuta.

4. Illi, ghaldaqstant, dina l-eccezzjoni ulterjuri anke kif indikat mill-istess konvenuta fit-tmien (8) eccezzjoni taghha nhar it-8 ta' Jannar, 1998, ghandha titqies bhala eccezzjoni ulterjuri, u ghalhekk addizzjonali ghan-Nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata mill-konvenuta Psaila Ruth nhar it-8 ta' Jannar, 1998, u mhux bhala eccezzjoni 'ut sic', imma sempliciment ghaliex l-istess konvenuta regghet giet notifikata bl-istess Citaz. Nru. 3231/96 b' zidiet awtorizzati permezz tad-digriet tal-qorti tat-30 ta' Settembru, 1998, li f' dan l-istadju in linea preliminari, il-konvenuta qieghda tikkontestahom bhala invalidi fil-ligi stante li l-mertu taghhom huwa differenti mill-mertu tac-citazzjoni originali kif intavolata nhar it-13 ta' Novembru, 1996.

5. Illi l-konvenuta rreferiet ukoll ghan-Nota taghha intavolata nhar il-Hamis, 4 ta' Dicembru, 1997, fil-hdax u sebgha u ghoxrin minuta ta' filghodu (11.27a.m.), meta wkoll ic-citazzjoni kienet ghadha ghall-ewwel dehra quddiem dina l-Qorti kif ippreseduta, ghal nhar it-28 ta' Jannar, 1998, liema nota kienet dwar ir-rapprezentanza tal-minuri LOUIS AQUILINA u anke ghall-fatt li l-konvenuta jisimha Psaila Ruth u mhux izjed Aquilina Ruth, u li ghandha n-numru tal-karta ta' l-Identita 329368(M).

6. Illi l-konvenuta rreferiet ghar-rikors taghha intavolat nhar il-Hamis, 15 t' Ottubru, 1998, fil-hdax u kwart ta' filghodu (11.15a.m.), fejn talbet biex hija tigi awtorizzata tipprezenta nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri, u fejn din il-

Qorti ghogobha tilqa' t-talba tal-konvenuta u precizament dina hija n-Nota ta' l-Eccezzjoni Ulterjuri li qieghda tintavola l-istess konvenuta.

7. Illi l-konvenuta talbet li ghandu jigi anness ma' din il-kawza odjerna l-process fl-intier tieghu tac-Citaz. Nru. 233/92 - FD, fl-ismijiet "Ruth Aquilina pro. et noe -vs- Carmelo Aquilina", biex din il-Qorti tkun tista' tikkonstata kemm ghal snin shah l-attur odjern qatt b' xi mod ma kkontesta li huwa ma kienx il-missier taz-zewg (2) uliedu bniet minn mal-konvenuta, u dana peress illi l-konvenuta kkontestat illi l-attur huwa effettivament missier Priscilla, li llum ghandha kwazi disa' (9) snin, u rodianne, li llum ghandha kwazi tmien (8) snin, u li dawn iz-zewgt (2) itfal huma minn ta' l-attur Aquilina Carmel, filwaqt illi t-tarbija l-ohra li jisimha Louis u li llum ghandu kwazi sentejn (2) u ghaxar (10) xhur, huwa iben missier mhux maghruf u li konvenuta diga` ammettiet li m'huwiex minn ta' l-attur Aquilina Carmel, u f' dawn ic-cirkostanzi l-konvenuta rreferiet ghall-kontenut ta' din in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet indikata aktar kmieni fl-istess Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri.

8. Illi l-konvenuta, ipprotestat bil-qawwa ghall-mod kif inhija miktuba c-citazzjoni odjerna u kif giet notifikata lilha illi taghmilha pratikament impossibbli li tiddecifraha u li allura a bazi ta' din ir-raguni l-istess konvenuta ddikjarat li c-citazzjoni m'hijiex in konformi ma' dak li tesigi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' kif jigu pprezentati citazzjonijiet li jridu jkunu decifribbli u miktubin b' mod illi ma jista' jkun hemm ebda dubju dwar il-kontenut ta' dak li hemm fihom, haga li huwa impossibbli li tassigura lilek innifsek f' din il-kawza odjerna billi litteralment huwa inuman li tipprova taqra citazzjoni bhal din u allura l-konvenuta ssollevat in-nullita` tac-citazzjoni odjerna a bazi tal-fatt illi l-mod ta' kif inhija miktuba c-citazzjoni odjerna tammonta ghal sitwazzjoni ta' indecifrabbilita` u ghalhekk hija invalida skond Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, a bazi tal-mod kif citazzjoni ghandha tkun miktuba meta tigi pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti.

9. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal eccezzjonijiet ohra li jirrigwardjaw liz-zieda awtorizzata b' digriet tat-30 ta' Settembru, 1998, m'huwiex kontestat li l-konvenuta kellha tifla fid-19 ta' Settembru, 1991, pero` huwa kkontestat li din ma kenitx mir-relazzjonijiet ma' l-attur u li effetivament dina t-tifla hija bint l-attur Aquilina Carmel apparti mill-fatt illi dina t-talba ma setghetx issir f' dana l-istadju billi skond il-Kodici Civili hemm terminu li fiha din it-talba kellha ssir u ghalhekk dina t-talba hija wkoll preskritta skond Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici Civili u kwindi, apparti milli l-konvenuta ssottomettiet li z-zieda awtorizzata mill-Qorti hija fiha nnifisha nulla a bazi ta' dak li diga ntqal iktar kmieni f' din in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri, tali talba fil-mertu ma tistax tigi akkolta minhabba li fl-ewwel lok il-preskrizzjoni kif tirrizulta minn Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikoli li jirrigwardjaw il-filjazzjoni, u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju huwa assolutament ikkontestat li t-tifla indikata m'hijiex it-tifla ta' l-attur anzi l-istess konvenuta kkonfermat li hija t-tifla ta' l-attur kif ghal snin shah l-istess attur ikkonferma fic-citazzjoni tal-firda illi ggib in-numru 233/92- FD kif fuq indikata u li giet finalment deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla nhra l-Erbgha, 25 ta' Gunju, 1997, u ghalhekk it-talbiet addizzjonali ta' l-attur huma illegali, abbuzivi, preskritt u infondati kemm bhala fatt kif ukoll fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur AQUILINA CARMEL.

10. Illi ghaldaqstant, ir-raba' (4) u l-hames (5) talba ta' l-attur ghandhom jigu michuda ghal ragunijiet legali, apparti li huma kkontestati bhala fatt, kif gja indikat aktar kmieni f' eccezzjonijiet ohra sottomessi fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri, bl-ispejjez kontra l-istess attur Aquilina Carmel.

11. Illi f' dan il-kuntest ukoll is-sitt (6) talba ta' l-attur ghandha tigi michuda peress li hija infondata kemm bhala fatt kif ukoll legalment u dana ghar-ragunijiet indikati aktar kmieni fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri.

12. Salvi eccezzjonijiet ohra Ulterjuri li ghad jistghu jsiru skond ic-cirkostanzi kif jizviluppaw f' din il-kawza odjerna, kif ukoll illi l-konvenuta Psaila Ruth m' ghandha tbati ebda

forma ta' spejjez la gudizzjarji u lanqas extra-gudizzjarji u lanqas ta' atti konnessi mal-kawza odjerna, direttament u/jew indirettament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidrat

Illi b'sentenza parzjali bejn il-partijiet ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Ottubru, 2001 kien gie deciz li:

"Illi ghalhekk jirrizulta li f'kazijiet ta' din in-natura jekk il-paternita' o meno tigi stabbilita mill-provi migjuba specjalment meta tingieb prova konkreta fuq l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi, ma jkunx hemm htiega li jsir it-test tad-demm.  Altrimenti id-DNA test ikun necessarju.

Issa fil-kazijiet in ezami l-ingredjenti li ma jirrikjedux id-DNA testing jirrizultaw fil-kaz tac-certifikat ta' Louis, Edward, Gary - Att numru 4352 tal-24 ta' Ottubru 1996. Izda ma jirrizultawx fil-kaz tac-certifikat tat-tifla Rodianne Maria Daniela fl-Att tat-Twelid numru 012655 tal-20 ta' Settembru 1991.  Infatti Ruth Psaila iddikjarat li l-attur huwa missier it-tifla.  Ghalhekk fil-kaz ta' Rodianne Maria Daniela it-testijiet tad-DNA huma assolutament necessarji u tordna li jsiru."

Rat li fil-5 ta' Dicembru 2001 l-attur irrinunzja ghat-talba dwar it-tifla Rodianne u cioe` ghar-raba' u l-hames talbiet attrici.

Ikkunsidrat li fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur halef li ilu mifrud mill-konvenuta mis-sena 1990 u ilu ma jkollu relazzjonijiet maghha mill-istess data.  Illi fis-16 ta' Ottubru, 1996 Ruth Aquilina kellha tifel li semmietu Louis Edward, Gary ta' liema tifel hu mhux il-missier naturali.

Illi l-konvenuta Ruth Psaila fid-dikjarazzjoni guramentata taghha semmiet li kienet ilha ma tikkoabita mal-attur Carmel Aquilina u wisq anqas b' xi mod raqdet jew kellha xi relazzjoni mieghu.  Hi qablet mat-talbiet tal-attur hlief dak relattivament ghal spejjez u qablet li binha minuri Louis ghandu jinghata l-kunjom Psaila u missier mhux maghruf.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi din il-Qorti kif presjeduta f' sentenza ohra moghtija llum stess citazz. nru. 2812/96 fl-ismijiet Maria Dolores Bonello pro et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku et qalet hekk:

L-artikolu **77** tal-Kap 16 jghid:

"Il-legittima ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".

Fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** A.C. 14 ta' Jannar 1952 intqal:

"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.

It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.

Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita'

fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** Imh A Magri tal-21 ta' Frar 1996 inghad illi:

"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".

Fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** P.A. Imhallef Frank Camilleri tal-10 ta' Mejju 1996 inghad li:

"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … …." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio" - (Diritto Civile. Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi fil-kawza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili – Imh R Pace fit-30 t'April 2002 fl-ismijiet Mary Jacqueline Fenech pro et nomine vs Victor Fenech et insibu:

"Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denegata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu…"

Ta' min isemmi wkoll f'dan l-istadju s-sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Kroon vs The Netherlands"** fejn gie rikonoxxut legalment l-esistenza ta' "family ties" anke bejn persuni li ma humiex mizzewgin, u ghalhekk il-frott tal-istess, ghandu jigi rikonoxxut bhala tali, ghaliex jirrispekkja l-verita` attwali.

Illi fil-fatt il-partijiet qablu li t-tarbija Louis mhijiex il-wild tal-missier u li fil-fatt kienu ilhom snin twal ma jikkoabitaw jew ikollhom relazzjonijiet sesswali ma' xulxin.  Kif issema fis-sentenza deciza in parte fl-10 ta' Ottubru 2001 ma kienx hemm in-necessita` tad-DNA testing.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ma jirriflettux fuq il-mertu tal-kaz izda fuq il-fatt sollevat mill-konvenuta li kunjomha m' ghadux aktar Aquilina izda sar Psaila in segwitu ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim' Awla fil-25 ta' Gunju 1997.  Jigi osservat li meta giet intavolata l-kawza odjerna din giet prezentata fit-13 ta' Novembru 1996 u ghalhekk meta giet istitwita certament kienet valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.  Kien jinkombi fuq il-

konvenuta li jekk trid tinsisti fuq din l-eccezzjoni tipprezenta kopja legali tal-istess sentenza u ghalhekk din il-Qorti fin-nuqqas ta' provi fuq dan l-apett tichad din l-eccezzjoni.

Il-konvenuta eccepiet ukoll li hi m' ghandhiex tbati l-ispejjez minhabba li dan hu tort tal-legislatura Maltija. Ovvjament din il-Qorti certament ma tistax tilqa' din l-eccezzjoni. Il-ligijiet li jiggvernaw lill-partijiet u lill-Qorti huma dawk li huma u sakemm kunsidrati validi jibqghu applikabbli u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Dwar l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li mhux edott mill-fatti u d-dritt tieghu li jaghmel il-kawza dawn fil-parti tal-mertu gew diskussi aktar 'il fuq u ghalhekk huma michuda.

Minhabba l-motivi fuq imsemmija t-talba tal-attur hija gustifikata u ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li:

1. It-tifel Louis Edward Gary imwieled fis-16 ta' Ottubru 1996 minn Ruth Aquilina nee' Psaila mhux it-tifel naturali tal-attur Carmel Aquilina.

2. Id-dikjarazzjoni maghmula fl-att tat-twelid numru 4352 tal-24 ta' Ottubru 1996 li missier it-tarbija huwa Carmel Aquilina hija zbaljata.

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-Att tat-Twelid numru 4352 tal-24 ta' Ottubru 1996 billi jithassar l-isem ta' Carmel Aquilina mill-kolonna fejn hemm annotat l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija u jithassru wkoll il-kliem "Customs Officer", "33", "Pieta` Malta", "Marsaxlokk Malta", u "Anthony Aquilina alive", fejn huma miktuba fl-istess Att tat-Twelid u li minnflok Carmel Aquilina jidhlu l-kliem "missier mhux maghruf".

Ir-raba' u l-hames talba tac-citazzjoni gew irtirati u konsegwentement il-Qorti ma tiehux konjizzjoni taghhom.

Dwar l-ispejjez relattivi ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet talba dawn huma a karigu tal-konvenuta Ruth Aquilina nee'

Psaila. Dwar ir-raba' u l-hames talbiet dawn huma a karigu tal-attur Carmel Aquilina.